2025/344

19.2.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/344

tat-18 ta' Frar 2025

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/3097 b'appoġġ għall-programm komprensiv dwar l-appoġġ għall-isforzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir u Munizzjon Konvenzjonali fix-Xlokk tal-Ewropa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/3097 [1] b'appoġġ għall-programm komprensiv dwar l-appoġġ għall-isforzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir u Munizzjon Konvenzjonali fix-Xlokk tal-Ewropa b'appoġġ għall-fażi II tal-proġett implimentat mis-Segretarjat tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) (il-"proġett").

(2) Ma kienx hemm Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/3097 fil-mument tal-addozzjoni tagħha. Deskrizzjoni dettaljata tal-proġett li għandu jiġi implimentat issa jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(3) Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi emendata d-Deċiżjoni (PESK) 2024/3097,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni huwa miżjud bħala l-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/3097.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. DOMAŃSKI

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/3097 tal-5 ta' Diċembru 2024 b'appoġġ għall-programm komprensiv dwar l-appoġġ għall-isforzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir u Munizzjon Konvenzjonali fix-Xlokk tal-Ewropa (ĠU L, 2024/3097, 6.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3097/oj).

ANNESS

PROGRAMM KOMPRENSIV TAL-OSKE DWAR L-APPOĠĠ GĦALL-ISFORZI GĦALL-PREVENZJONI U L-ĠLIEDA KONTRA T-TRAFFIKAR ILLEĊITU TA' SALW U CA FIX-XLOKK TAL-EWROPA

Fażi II

1. **Informazzjoni ġenerali**

L-Istati parteċipanti tal-OSKE fix-Xlokk tal-Ewropa (SEE) ilhom jiffaċċaw riskji u sfidi sinifikanti relatati mal-akkumulazzjoni destabbilizzanti u t-tixrid bla kontroll ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) u Munizzjon Konvenzjonali (CA). Huwa fatt stabbilit li dawn ir-riskji għandhom impatt mhux biss fuq is-sigurtà tas-SEE, iżda wkoll fuq l-Unjoni Ewropea (UE).

It-traffikar ta' SALW u CA mis-SEE u li jgħaddu minnha jibqa' sors ta' tħassib u sfida importanti fl-Istrateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) illeċiti u l-munizzjon tagħhom (l-"Istrateġija tal-UE dwar is-SALW") ([1]). U bħala tali ġie indirizzat permezz ta' diversi pjanijiet ta' azzjoni bħal: il-pjan ta' azzjoni 2020-2025 tal-UE dwar it-traffikar tal-armi tan-nar ([2]), kif ukoll il-Pjan Direzzjonali għal soluzzjoni sostenibbli għall-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW)/armi tan-nar u l-munizzjoni tagħhom fil-Balkani tal-Punent sal-2024 ([3]). Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, l-istituzzjonijiet rilevanti tas-SEE talbu uffiċjalment assistenza mill-OSKE fil-qasam tal-kontroll tas-SALW u s-CA. ([4]) L-assistenza mitluba tikkontribwixxi għat-twettiq tal-għanijiet strateġiċi u operazzjonali msemmija hawn fuq, filwaqt li tappoġġahom ukoll biex jilħqu l-impenji tad-dokumenti tal-OSKE dwar is-SALW (FSC.DOC/1/00/Rev.1) u l-Ħażniet ta' CA (FSC.DOC/1/03/Rev.1). F'dak il-kuntest, l-OSKE żviluppat Programm Komprensiv dwar l-Isforzi għall-Appoġġ għall-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra t-Traffikar Illeċitu tas-SALW u s-CA fis-SEE (minn hawn 'il quddiem, il-Programm).

Il-programm huwa armonizzat mal-*"Pjan Direzzjonali għal Soluzzjoni Sostenibbli għall-Pussess Illegali, l-Użu Ħażin u t-Traffikar ta' SALW u l-Munizzjon Tagħhom fil-Balkani tal-Punent sal-2024"* ([5]) (minn hawn 'il quddiem, il-Pjan Direzzjonali), kif ukoll il-verżjoni aġġornata suċċessiva tal-Pjan Direzzjonali li mistenni jkun fis-seħħ għall-perjodu mill-2025 sal-2030. Bħala tali, l-azzjoni kollha hija kkoordinata mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati tas-SEE u s-sħab internazzjonali li jikkontribwixxu għall-Pjan Direzzjonali. F'dan il-kuntest, l-UE ddeċidiet li tappoġġa l-isforzi tal-Programmi permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2133 tat-2 ta' Diċembru 2021 b'appoġġ għall-programm komprensiv dwar l-appoġġ għall-isforzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' SALW u CA fis-SEE. Minbarra l-appoġġ politiku u finanzjarju tal-UE, il-Programm igawdi wkoll minn appoġġ minn ħmistax-il Stat ieħor parteċipanti donaturi.

L-azzjoni proposta tirrappreżenta l-Fażi 2 tal-assistenza mibdija skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, u tkompli tappoġġa lill-awtoritajiet tas-SEE biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-test rivedut tal-Pjan Direzzjonali, li ser jiġi implimentat mill-2025 sal-2030 u biex ikomplu jiġġieldu kontra s-SALW illegali.

Billi timmitiga u tipprevjeni l-effetti negattivi tal-kummerċ illeċitu tas-SALW u l-munizzjon tagħhom fuq l-iżvilupp sostenibbli, din l-azzjoni tikkontribwixxi wkoll għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, speċifikament:

— Għan 5. Tinkiseb l-inugwaljanza bejn il-ġeneri u tissaħħaħ il-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha (eż. il-mira 5.2 dwar l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet); u

([1]) Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM/2020/605 final, l-24 ta' Lulju 2020.

([2]) Il-Kummissjoni Ewropea, Pjan ta' Azzjoni 2020-2025 tal-UE dwar it-traffikar tal-armi tan-nar u l-Annessi, COM(2020) 608 final, l-24 ta' Lulju 2020.

([3]) Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC), Regional-Roadmap-for-a-sustainable-solution-to-the.pdf (seesac.org).

([4]) Waslu talbiet ta' assistenza mill-Ministeru għall-Intern tal-Albanija, il-Ministeru għas-Sigurtà tal-Bożnija-Ħerzegovina, il-Ministeru għall-Intern tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, il-Ministeru għad-Difiża tal-Montenegro, u l-Ministeru għall-Affarijiet Interni tas-Serbja. Fil-każ tal-Kosovo, minħabba kunsiderazzjonijiet tal-istatus, ir-restrizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-proċedura formali ma japplikawx bħala tali għal proġetti potenzjali hemmhekk. Għalhekk, taħt il-gwida tal-Missjoni tal-OSKE fil-Kosovo (OMIK), jiġu implimentati proġetti u attivitajiet imfassla apposta b'appoġġ għall-Pulizija tal-Kosovo. Kull talba għall-assistenza ġiet ivverifikata u segwita minn valutazzjoni xierqa tal-ħtiġijiet.

([5]) Il-Pjan Direzzjonali ġie żviluppat mill-awtoritajiet tal-Balkani tal-Punent bl-appoġġ tekniku tas-SEESAC taħt l-awspiċi ta' Franza u l-Ġermanja u f'konsultazzjoni mal-UE u l-atturi rilevanti l-oħra kollha, u adottat fis-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent li sar fl-10 ta' Lulju 2018 f'Londra.

— Għan 16. Jiġu promossi soċjetajiet paċifiċi u inklużivi għall-iżvilupp sostenibbli, jingħata aċċess għall-ġustizzja lil kulhadd u jinbnew istituzzjonijiet effettivi, responsabbli u inklużivi fil-livelli kollha (eż. miri 16.1, 16.4 u 16.a).

2. **Objettiv ġenerali**

Biex ikomplu jitnaqqsu r-riskji tat-traffikar illeċitu u tixrid mhux ikkontrollat tas-SALW fi, lejn u mis-SEE, li jimminaw is-sikurezza u s-sigurtà, jimpedixxu l-bini sostenibbli tal-paċi u l-iżvilupp soċjoekonomiku, jikkontribwixxu għal kollass fl-ordni, iħeġġu t-terroriżmu u l-vjolenza kriminali jew li potenzjalment jistgħu jwasslu biex jerġa' jfaqqa' kunflitt.

3. **Deskrizzjoni tal-Azzjoni**

L-azzjoni hija bbażata fuq proċessi sistematiċi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet, b'mod partikolari valutazzjonijiet esperti mwettqa mill-2022 sal-2024.

Abbażi ta' dawn il-valutazzjonijiet u l-assistenza pprovduta s'issa, hemm bżonn li:

— Tiġi żgurata ċ-ċertifikazzjoni internazzjonali tal-Kapaċitajiet tal-klieb (K-9) fid-detezzjoni u l-qbid ta' SALW u CA illeċiti; kif ukoll

— Tiġi pprovduta ċertifikazzjoni internazzjonali tar-regolament dwar id-diżattivazzjoni tas-SALW u l-oqfsa operazzjonali minn Ċentru tal-Approvazzjoni Ewropew.

L-azzjoni tikkonsisti f'seba' komponenti tal-proġett tal-OSKE implimentati fir-reġjun kollu. Għaldaqstant, dan l-approċċ jipprovdi t-tishiħ tal-kapaċitajiet u l-istandardizzazzjoni f'kull ġuriżdizzjoni, filwaqt li jiżgura l-istabbiliment ta' proċessi u eżiti interoperabbli, omoġenji u affidabbli fir-reġjun kollu. L-azzjoni proposta tibni ħiliet u proċessi li jistgħu jintużaw kemm għal kapaċitajiet preventivi kif ukoll ta' infurzar f'kull ġuriżdizzjoni, kif ukoll reġjonalment u lil hinn. L-attivitajiet kollha huma żviluppati f'kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet/istituzzjonijiet b'mandat, iċ-Ċentru għall-Prevenzjoni ta' Kunflitti tal-OSKE u l-operazzjonijiet fuq il-post tal-OSKE fis-SEE.

Il-progress fl-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni ser ikompli jiġi ppreżentat u rrappurtat fil-laqgħat ta' koordinazzjoni lokali u reġjonali b'appoġġ għall-"Pjan direzzjonali għal soluzzjoni sostenibbli għall-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar tas-SALW u l-munizzjon tagħhom fil-Balkani tal-Punent sal-2030" aġġornat. F'dak ir-rigward il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu huwa kkoordinat mal-Kummissjonijiet kollha tas-SALW tas-SEE, is-sħab internazzjonali u s-SEESAC.

3.1. **Komponent tal-proġett 1: Assistenza lill-awtoritajiet nazzjonali tar-Repubblika tal-Albanija biex jitnaqqas ir-riskju tal-proliferazzjoni u l-użu ħażin tas-SALW**

3.1.1. Objettiv:

Jitnaqqas ir-riskju tal-proliferazzjoni u l-użu ħażin tas-SALW fir-Repubblika tal-Albanija.

3.1.2. Deskrizzjoni

L-impatt tal-proliferazzjoni mhux ikkontrollata u l-pussess tas-SALW, il-munizzjon u l-isplussivi jkomplu jikkostitwixxu theddida kbira għas-sigurtà pubblika, l-iżvilupp soċjali u ekonomiku fl-Albanija. SALW ikkontrollati ħażin u illegali jsostnu elementi kriminali u kriminalità organizzata, billi jippermettu l-vjolenza u n-nuqqas ta' sigurtà. Dawn l-aspetti għandhom effetti detrimentali fuq is-sigurtà u l-miżuri għall-bini tal-fiduċja fil-pajjiż u fir-reġjun. L-Albanija talbet assistenza f'Ottubru 2019 fil-Forum tal-OSKE għall-Kooperazzjoni fis-Sigurtà.

L-OSKE vverifikat nuqqasijiet fil-kapaċitajiet:

a) Il-qafas leġiżlattiv u regolatorju għad-diżattivazzjoni tal-armi tan-nar, u l-implimentazzjoni xierqa tiegħu bit-titjib tal-infrastruttura, it-tagħmir u l-elementi tat-taħriġ;

b) Is-servizzi tal-klieb (K9) tal-Pulizija tal-Istat Albaniż fid-detezzjoni tas-SALW, il-munizzjon, u l-isplussivi;

c) Is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-perikli tal-użu ħażin u l-proliferazzjoni tas-SALW.

Il-benefiċjarji tal-proġett, minbarra l-popolazzjoni tal-Albanija, huma bosta awtoritajiet nazzjonali bil-mandat fil-qasam tal-kontroll tas-SALW b'mod partikolari l-Kummissjoni Nazzjonali tas-SALW, il-Ministeru għall-Intern tar-Repubblika tal-Albanija (MoI) u l-Pulizija tal-Istat fl-Albanija (ASP).

3.1.3. Riżultati mistennija

Riżultat 1: Il-qafas leġiżlattiv għad-diżattivazzjoni tas-SALW u l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni u sorveljanza tiegħu huma avvanzati.

Riżultat 2: L-infrastruttura, il-kapaċità u r-riżorsi tal-Unità ASP K9 għad-detezzjoni ta' SALW, munizzjon u splussivi illeċiti huma msaħħa.

3.1.4. Attivitajiet

3.1.4.1 Attività relatata mat-tisħiħ tal-qafas leġiżlattiv tar-Repubblika tal-Albanija dwar kwistjonijiet tas-SALW u d-diżattivazzjoni.

L-attività ser tinkludi:

— Ċertifikazzjoni internazzjonali tal-leġiżlazzjoni dwar id-diżattivazzjoni miċ-Ċentru tal-Approvazzjoni Ewropew tas-SALW

— Evalwazzjoni tal-infrastruttura u tal-makkinarju użati għad-diżattivazzjoni fir-Repubblika tal-Albanija

— L-għoti ta' taħriġ dwar id-diżattivazzjoni u s-sorveljanza tagħha minn Ċentru tal-Approvazzjoni Ewropew tas-SALW

3.1.4.2 Attività relatata mat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Pulizija Albaniża fid-detezzjoni ta' armi u splussivi illeċiti.

L-attività ser tinkludi:

— L-organizzazzjoni ta' programm ta' taħriġ dwar il-metodoloġija tal-Frontex għad-detezzjoni tas-SALW u l-munizzjon

— L-organizzazzjoni ta' programm ta' taħriġ dwar il-prattiki tajbin Ewropej fid-detezzjoni tas-SALW u l-munizzjon

— L-akkwist tad-disinn u x-xogħlijiet għat-titjib tal-infrastruttura għal kennels, faċilitajiet tal-uffiċċji u perimetru K9 fil-Punti ta' Qsim tal-Fruntiera b'appoġġ għall-kapaċità ta' detezzjoni tal-unitajiet K9 tas-SALW u munizzjon

3.2. **Komponent tal-proġett 2: L-indirizzar tar-riskji għas-sigurtà u s-sikurezza tal-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar tas-SALW u l-munizzjon tagħhom fil-Bożnija-Ħerzegovina**

3.2.1. Objettiv

L-appoġġ għall-Bożnija-Ħerzegovina (BiH) fil-mitigazzjoni tar-riskji għas-sigurtà u s-sikurezza relatati mal-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar tas-SALW u l-munizzjon tagħhom.

3.2.2. Deskrizzjoni

Il-proġett jindirizza ħtiġijiet ta' prijorità għolja speċifikati fit-talba għall-assistenza tal-Ministeru għas-Sigurtà (2019) u għandu l-għan li jappoġġa lill-BiH fil-mitigazzjoni tar-riskji għas-sigurtà u s-sikurezza relatati mal-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar tas-SALW, il-munizzjon u l-isplussivi – u b'hekk jikkontribwixxi għas-sigurtà u l-istabbiltà fil-pajjiż u r-reġjun b'mod aktar wiesa'.

L-OSKE ser tkompli tindirizza l-lakuni li ġejjin:

a) fil-kapaċitajiet tal-klieb tal-Aġenziji tal-Infurzar tal-Liġi (LEAs) għad-detezzjoni ta' SALW, u munizzjon, inkluż l-infrastruttura tagħhom kif ukoll elementi ta' taħriġ;

b) fl-aċċessibbiltà għal u l-komparabbiltà tad-data relatata mas-SALW meħtieġa għat-tfassil effettiv tal-politika u r-rispons operazzjonali;

c) fid-diżattivazzjoni tas-SALW, inkluż oqfsa leġiżlattivi u regolatorji, taħriġ, tagħmir u aġġornamenti tal-infrastruttura.

Il-benefiċjarji tal-proġett, minbarra l-popolazzjoni tal-BiH, huma bosta awtoritajiet nazzjonali bil-mandat fil-qasam tal-kontroll tas-SALW, jiġifieri LEAs inkluż ministeri għall-intern (MoIs) tal-entità u kantonali/aġenziji tal-pulizija, il-Korp ta' Koordinazzjoni tal-Kontroll tas-SALW fil-BiH, il-Ministeru għas-Sigurtà (MoS), kif ukoll uffiċċji tal-prosekuturi, qrati u servizzi penitenzjarji.

3.2.3. Riżultati mistennija

Riżultat 1: Il-kapaċitajiet ta' infurzar tal-liġi K9 għad-detezzjoni tas-SALW, il-munizzjon, u l-isplussivi huma msaħħa.

Riżultat 2: Tiġi żviluppata bażi ta' data integrata tal-każijiet interistituzzjonali dwar is-SALW u l-munizzjon u sistema ta' traċċar.

Riżultat 3: Jiġi żviluppat u operazzjonalizzat qafas leġiżlattiv u regolatorju dwar id-diżattivazzjoni tas-SALW.

3.2.4. Attivitajiet

3.2.4.1. Attività relatata mal-kapaċitajiet ta' infurzar tal-liġi K9 għad-detezzjoni tas-SALW, il-munizzjon, u l-isplussivi.

L-attività ser tinkludi:

— L-aġġornament tal-infrastruttura K9

— Programm ta' taħriġ dwar il-metodoloġija tal-Frontex għad-detezzjoni tas-SALW u l-munizzjon

— Programm ta' taħriġ dwar il-prattiki tajbin Ewropej fid-detezzjoni tas-SALW u l-munizzjon

3.2.4.2. Attività relatata mal-iżvilupp ta' bażi ta' data integrata tal-każijiet interistituzzjonali dwar is-SALW u l-munizzjon u sistema ta' traċċar.

L-attività ser tinkludi:

— Appoġġ għall-istabbiliment tas-sistema ta' rekord tas-SALW tal-BiH

— Organizzazzjoni ta' taħriġ għall-ġudikatura u l-utenti tal-infurzar tal-liġi tas-sistema ta' traċċar tas-SALW

3.2.4.3. Attività relatata mat-tisħiħ tal-qafas leġiżlattiv tal-BiH dwar kwistjonijiet tas-SALW u d-diżattivazzjoni.

L-attività ser tinkludi:

— Ċertifikazzjoni internazzjonali tal-leġiżlazzjoni dwar id-diżattivazzjoni minn Ċentru tal-Approvazzjoni Ewropew tas-SALW

— Evalwazzjoni tal-infrastruttura u tal-makkinarju użati għad-diżattivazzjoni f'żewġ postijiet fil-BiH

— L-organizzazzjoni ta' taħriġ dwar id-diżattivazzjoni u s-sorveljanza tagħha minn Ċentru tal-Approvazzjoni Ewropew tas-SALW

3.3. **Komponent tal-proġett 3: Appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċità K-9 tal-pulizija tal-Kosovo** [6] **biex tidentifika u tikkonfiska s-SALW, il-munizzjon u l-isplussivi**

3.3.1. Objettiv

L-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċità eżistenti K-9 tal-Pulizija tal-Kosovo u l-kontribut dirett tagħha lejn il-prevenzjoni, it-trażżin u l-investigazzjoni tas-SALW, il-munizzjon, u l-użu ħażin u t-traffikar ta' splussivi fil-Balkani tal-Punent.

3.3.2. Deskrizzjoni

Il-proġett qed jappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċità eżistenti K-9 tal-Pulizija tal-Kosovo u l-kontribut dirett tagħha lejn il-prevenzjoni, it-trażżin u l-investigazzjoni tas-SALW, il-munizzjon, u l-użu ħażin u t-traffikar ta' splussivi fil-Balkani tal-Punent.

Il-proġett jindirizza lakuni fil-kapaċitajiet ivverifikati tal-Unità K9 fil-prevenzjoni, it-trażżin u l-investigazzjoni tal-użu ħażin u t-traffikar tas-SALW. Il-benefiċjarji tal-proġett, minbarra l-popolazzjoni tal-Kosovo, huma l-Pulizija tal-Kosovo.

[6] Ir-referenzi kollha għall-Kosovo, kemm jekk għat-territorju, l-istituzzjonijiet jew il-popolazzjoni, f'dan it-test għandhom jinftiehmu f'konformità sħiħa mar-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU

3.3.3. Riżultati mistennija

Riżultat 1: Il-qafas regolatorju u ta' taħriġ, kif ukoll l-infrastruttura u t-tagħmir tal-unità K-9 lejn prevenzjoni, soppressjoni u investigazzjoni aktar effiċjenti u effettivi tas-SALW, il-munizzjon, u użu ħażin u traffikar ta' splussivi huwa msaħħaħ.

3.3.4. Attivitajiet

3.3.4.1. Attività relatata mat-titjib tal-qafas regolatorju u ta' taħriġ, kif ukoll l-infrastruttura u t-tagħmir tal-unità K-9 lejn prevenzjoni, soppressjoni u investigazzjoni aktar effiċjenti u effettivi tas-SALW, il-munizzjon, u użu ħażin u traffikar ta' splussivi.

L-attività ser tinkludi:

— Programm ta' taħriġ dwar il-metodoloġija tal-Frontex għad-detezzjoni tas-SALW u l-munizzjon

— Programm ta' taħriġ dwar il-prattiki tajbin Ewropej fid-detezzjoni tas-SALW u l-munizzjon

— L-implimentazzjoni tal-aġġornamenti tal-infrastruttura tal-bini veterinarju u tat-tagħmir meħtieġ, kif ukoll il-faċilità għas-simulazzjoni ta' xenarji differenti ta' tiftix fuq ġewwa

— Il-promozzjoni tal-Inklużjoni tan-nisa fi rwoli ewlenin fl-Unitajiet tal-Klieb (handlers, għalliema, u maniġers) bħala prerekwiżit għal effettività operazzjonali msaħħa.

3.4. **Komponent tal-proġett 4: Assistenza lill-awtoritajiet nazzjonali tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq biex jitnaqqas ir-riskju tal-proliferazzjoni ta' armi u l-użu ħażin tas-SALW**

3.4.1. Objettiv

It-tnaqqis tar-riskju tal-proliferazzjoni tal-armi u l-użu ħażin tas-SALW fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, permezz ta' żieda fil-kapaċità ta' prevenzjoni, detezzjoni, analiżi u investigazzjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni u organizzazzjonijiet Governattivi oħra.

3.4.2. Deskrizzjoni

Il-proġett ġie żviluppat biex iwieġeb għat-talba ta' assistenza mill-Gvern tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq (2019) biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Kummissjoni Nazzjonali dwar is-SALW u biex jinbnew il-kapaċitajiet tal-Unità K9 tad-dipartiment tal-Pulizija fid-detezzjoni ta' armi u splussivi.

L-OSKE vverifikat nuqqasijiet fil-kapaċitajiet:

a) fil-kapaċità operazzjonali K9 tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni fid-detezzjoni tal-proliferazzjoni illeċita tas-SALW;

b) fl-implimentazzjoni dovuta tad-diżattivazzjoni tal-armi tan-nar, inkluż l-infrastruttura, it-tagħmir u t-taħriġ mhux tajbin;

c) fl-analiżi tal-kwistjonijiet ta' kontroll tas-SALW fil-livelli strateġiċi u operazzjonali;

d) fl-involviment pubbliku kkoordinat u s-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji relatati mal-użu ħażin tas-SALW fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, inkluż l-isforzi li qed isiru mill-Kummissjoni Nazzjonali dwar is-SALW.

Il-benefiċjarji tal-proġett, minbarra l-popolazzjoni tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, huma awtoritajiet nazzjonali bil-mandat fil-qasam tal-kontroll tas-SALW, jiġifieri l-Kummissjoni Nazzjonali tas-SALW, il-Ministeru għall-Affarijiet Interni (MoIA) u l-Pulizija.

3.4.3. Riżultati mistennija

Riżultat 1: Jissaħħu l-kapaċitajiet ta' kooperazzjoni regolatorja, operazzjonali u bejn l-aġenziji tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u tal-Kummissjoni dwar is-SALW biex tiġi miġġielda/indirizzata l-proliferazzjoni tas-SALW.

Riżultat 2: It-tisħiħ tal-Kapaċitajiet ta' Spezzjoni tas-SALW u d-Diżattivazzjoni u l-Ġestjoni Mtejba taċ-Ċiklu tal-Ħajja tas-SALW.

3.4.4. Attivitajiet

3.4.4.1. Appoġġ għaż-żieda fil-kapaċità ta' detezzjoni tas-SALW illeċiti tal-MoIA permezz tal-iskjerament effiċjenti tal-assi K9.

L-attività ser tinkludi:

— Aġġornamenti tal-infrastruttura tal-unitajiet ta' servizz K9 tal-Ministeru għall-Intern tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq fil-livell reġjonali

— Programm ta' taħriġ dwar il-metodoloġija tal-Frontex għad-detezzjoni tas-SALW u l-munizzjon

— Programm ta' taħriġ dwar il-prattiki tajbin Ewropej fid-detezzjoni tas-SALW u l-munizzjon

3.4.4.2. Tnaqqis ta' Armi Illegali, Munizzjon u Splussivi permezz ta' Qerda u Diżattivazzjoni.

L-attività ser tinkludi:

— Ċertifikazzjoni internazzjonali tal-leġiżlazzjoni dwar id-diżattivazzjoni minn Ċentru tal-Approvazzjoni Ewropew tas-SALW

— Evalwazzjoni tal-infrastruttura u tal-makkinarju użati għad-diżattivazzjoni fir-Repubblika tal-Albanija

— L-organizzazzjoni ta' taħriġ dwar id-diżattivazzjoni u s-sorveljanza tagħha minn Ċentru tal-Approvazzjoni Ewropew tas-SALW

3.5. **Komponent tal-proġett 5: It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Montenegro biex b'mod aktar effettiv jitnaqqsu, jiġu evitati, u miġġielda t-traffikar illeċitu u l-użu ħażin tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir, munizzjon u splussivi**

3.5.1. Objettiv

L-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċità K-9 eżistenti għad-detezzjoni ta' SALW, munizzjon u splussivi, kif ukoll l-iżvilupp ulterjuri ta' prattiki ta' diżattivazzjoni tas-SALW, biex b'hekk jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Ministeru għall-Intern (MoI) għat-tnaqqis, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar u l-użu ħażin ta' SALW, munizzjon u splussivi.

3.5.2. Deskrizzjoni

Il-proġett propost huwa mfassal abbażi tat-talba tal-Kummissjoni Montenegrina dwar is-SALW, kif ukoll l-istedina mill-Ministeru għall-Intern lill-missjoni tal-OSKE fil-Montenegro biex tipprovdi assistenza teknika f'dan il-qasam. Saru konsultazzjonijiet dettaljati ma' sħab internazzjonali u reġjonali biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni tal-isforzi u d-delineazzjoni ta' sovrapożizzjoni potenzjali. Bħala tali, dan il-proġett jallinja mal-implimentazzjoni tal-oqfsa nazzjonali, reġjonali u internazzjonali għall-kontroll tas-SALW u jappoġġahom direttament.

Saru valutazzjonijiet sistematiċi tal-ħtiġijiet fil-perjodu tal-2022 u l-2023 mill-esperti indipendenti tal-OSKE, kif ukoll l-Ispeċjalisti tal-Klieb tal-Ġendarmerija Franċiża li jipprovdu gwida prattika dwar kif għandu jsir progress:

— Fil-kapaċitajiet tal-klieb K-9 eżistenti tal-Pulizija Montenegrina fid-detezzjoni u l-qbid tas-SALW u s-CA illeċiti; kif ukoll kif

— Jissaħħaħ ir-regolament eżistenti dwar id-diżattivazzjoni tas-SALW u l-qafas operazzjonali.

3.5.3. Riżultati mistennija

Riżultat 1: It-tisħiħ tal-kapaċità tal-unitajiet K9 tal-MoI tal-istituzzjonijiet tal-infurzar tal-liġi biex jidentifikaw SALW, munizzjon u splussivi illeċiti billi jittejbu l-kapaċitajiet infrastrutturali, operazzjonali u ta' taħriġ tagħhom.

Riżultat 2: Il-qafas legali dwar id-diżattivazzjoni tal-armi tan-nar jittejjeb u huwa allinjat mal-istandards u l-kapaċitajiet internazzjonali għall-implimentazzjoni u s-sorveljanza effettivi tiegħu.

3.5.4. Attivitajiet

3.5.4.1 Attività relatata mal-Appoġġ tal-emendi u s-supplimenti għall-qafas legali u regolatorju, l-aġġornament tal-Proċeduri Operattivi Standard (SOP) għall-użu tal-kapaċità K9, kif ukoll l-iżvilupp ta' Pjan Regolatorju K9 għall-modernizzazzjoni ta' din il-kapaċità.

L-attività ser tinkludi:

— Emenda tal-leġiżlazzjoni u r-regolament f'konformità mal-prattika tajba Ewropea mill-MoI u l-Pulizija

— L-iżvilupp ta' Masterplan għall-modernizzazzjoni tal-K9

— Appoġġ lill-Gruppi ta' Ħidma għall-aġġornament tal-leġiżlazzjoni u l-ippjanar strateġiku

3.5.4.2 Attività relatata ma' Metodi ta' taħriġ imtejba u kapaċitajiet operazzjonali biex jinkisbu prevenzjoni, soppressjoni u investigazzjoni aktar effiċjenti u effettivi tal-użu ħażin u t-traffikar ta' SALW, munizzjon, u splussivi.

L-attività ser tinkludi:

— L-iżvilupp ta' Manwal tat-taħriġ (TM), tradott u distribwit

— Taħriġ għall-persunal tal-Ministeru għall-Intern fl-istituzzjonijiet edukattivi/ta' taħriġ rilevanti f'konformità mal-Frontex u prattiki tajbin Ewropej oħra fid-detezzjoni tas-SALW u l-munizzjon

3.5.4.3 Attività relatata ma' faċilitajiet u tagħmir ta' taħriġ imsaħħaħ flimkien ma' titjib fl-infrastruttura u l-assi loġistiċi, biex jinkisbu prevenzjoni, soppressjoni u investigazzjoni aktar effiċjenti u effettivi tal-użu ħażin u t-traffikar ta' SALW, munizzjon, u splussivi.

L-attività ser tinkludi:

— Implimentazzjoni ta' aġġornamenti tal-infrastruttura għal kennels, faċilitajiet tal-uffiċċju u perimetru K9 fil-Kwartieri Ġenerali tal-unità K9 u fil-Punti ta' Qsim tal-Fruntiera b'appoġġ għall-kapaċità ta' detezzjoni ta' SALW u ta' munizzjon mill-unitajiet K9

— Appoġġ għat-titjib ta' ħażniet siguri ta' kampjuni ta' taħriġ, b'mod partikolari splussivi, munizzjon, SALW, drogi u flus kontanti

— Akkwist ta' vetturi tat-trasport K9

3.5.4.4 Attività relatata mal-Appoġġ għall-iżvilupp tal-qafas legali u istituzzjonali għad-diżattivazzjoni tas-SALW, inkluż mekkaniżmi għall-implimentazzjoni u s-sorveljanza effettivi tiegħu.

L-attività ser tinkludi:

— Appoġġ lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-emendi u s-supplimenti tal-leġiżlazzjoni dwar id-diżattivazzjoni

— Forniment ta' servizzi taċ-Ċentru tal-Approvazzjoni Ewropew biex jipprovdi konsulenza, gwida, taħriġ u ċertifikazzjoni għall-ispeċjalisti tal-infrastruttura u tad-diżattivazzjoni

— L-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' koordinazzjoni meħtieġa għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u gwida prattika għall-iżvilupp u l-istituzzjonalizzazzjoni tal-prekundizzjonijiet umani, edukattivi, tekniċi u infrastrutturali meħtieġa għall-implimentazzjoni u s-sorveljanza dovuti tad-diżattivazzjoni tas-SALW

3.5.4.5 Attività relatata mal-Appoġġ għall-iżvilupp u l-istituzzjonalizzazzjoni tal-kapaċitajiet ta' diżattivazzjoni tas-SALW.

L-attività ser tinkludi:

— L-iżvilupp ta' disinji tal-infrastruttura u l-akkwist ta' xogħlijiet għat-titjib tal-faċilitajiet u l-prattika dwar id-diżattivazzjoni tas-SALW li joperaw f'konformità mal-konsulenza taċ-Ċentru tal-Approvazzjoni Ewropew tas-SALW

— Akkwist ta' tagħmir u materjali meħtieġa għad-diżattivazzjoni dovuta

3.5.4.6 Attività relatata mal-Appoġġ għall-iżvilupp ta' Manwal ta' Taħriġ dwar id-diżattivazzjoni tas-SALW, u l-għoti ta' taħriġ nazzjonali u internazzjonali għall-prattikanti lokali.

L-attività ser tinkludi:

— L-organizzazzjoni ta' taħriġ speċjalizzat imwettaq miċ-Ċentru tal-Approvazzjoni Ewropew għall-armiera u l-ispetturi

— Ċertifikazzjoni tal-armiera u tal-ispetturi miċ-Ċentru tal-Approvazzjoni Ewropew għad-diżattivazzjoni

— L-iżvilupp ta' Manwal ta' Taħriġ dwar il-liġi amministrattiva dwar id-diżattivazzjoni tas-SALW.

3.6. **Komponent tal-proġett 6: Indirizzar tar-riskji għas-sikurezza u s-sigurtà relatati mal-pussess illeċitu, l-użu ħażin u t-traffikar tas-SALW fis-Serbja**

3.6.1. Objettiv

It-tnaqqis tar-riskji għas-sikurezza u s-sigurtà relatati mas-SALW fil-pussess illegali, l-abbużi tas-SALW legali u t-traffikar illeċitu tas-SALW.

3.6.2. Deskrizzjoni

Il-proġett ġie żviluppat biex iwieġeb għat-talba ta' assistenza mill-Ministeru għall-Intern (MoI) tas-Serbja (2019) biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-proliferazzjoni mhux ikkontrollata u l-pussess illeċitu tas-SALW li joħolqu theddida kbira għas-sigurtà u s-sikurezza fis-Serbja. Dawn l-isfidi jikkontribwixxu għat-tixrid tal-kriminalità u l-kriminalità organizzata serja, billi jaġixxu bħala l-faċilitaturi ta' vjolenza, imġiba perikoluża u terroriżmu. Għandhom ukoll effett negattiv simili fuq il-miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja fil-pajjiż u bħala theddida fil-kuntest tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru.

L-OSKE vverifikat il-ħtiġijiet fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tas-SALW:

a) tisħiħ tal-kapaċità K9 tal-Ministeru għall-Intern fid-detezzjoni ta' armi u splussivi, billi i) jiġi stabbilit il-qafas legali meħtieġ, ii) jiġu vvalutati u żviluppati l-kapaċitajiet, u iii) jiġi akkwistat tagħmir speċjali u tinbena infrastruttura,

b) emendi għal-Liġi dwar l-Armi u l-Munizzjon, u l-Ġabra ta' Regoli dwar id-Diżattivazzjoni tal-Armi, billi a) jiġu vvalutati l-kapaċitajiet u l-possibbiltajiet tekniċi; u b) tingħata assistenza teknika fit-tfassil tal-ġabra ta' regoli.

Il-benefiċjarji tal-proġett, minbarra l-popolazzjoni tas-Serbja, huma l-Ministeru għall-Intern, il-Pulizija u ċ-Ċentru tal-Approvazzjoni Serb tas-SALW f'Kragujevac.

3.6.3. Riżultati mistennija

Riżultat 1: Il-qafas legali dwar id-diżattivazzjoni jittejjeb u jiġi armonizzat mal-istandards internazzjonali u l-aħjar prattiki.

Riżultat 2: Il-kapaċitajiet tal-unitajiet K9 tal-MoI fid-detezzjoni tas-SALW, il-munizzjon u l-isplussivi jissaħħu f'konformità mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem.

3.6.4. Attivitajiet

3.6.4.1. Attivitajiet relatati mal-qafas legali dwar id-diżattivazzjoni jittejbu u jiġu armonizzati mal-istandards internazzjonali u l-aħjar prattiki.

L-attività ser tinkludi:

— L-għoti ta' pariri esperti għal-laqgħat tal-grupp ta' ħidma dwar id-diżattivazzjoni minn Ċentru tal-Approvazzjoni Ewropew tas-SALW

— Ċertifikazzjoni internazzjonali tal-leġiżlazzjoni dwar id-diżattivazzjoni minn Ċentru tal-Approvazzjoni Ewropew tas-SALW

— Forniment ta' infrastruttura u makkinarju użati għad-diżattivazzjoni

— L-organizzazzjoni ta' taħriġ dwar id-diżattivazzjoni u s-sorveljanza tagħha minn Ċentru tal-Approvazzjoni Ewropew tas-SALW

3.6.4.2. Attivitajiet marbutin mat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-unitajiet K9 tal-MoI fid-detezzjoni tas-SALW, il-munizzjon u l-isplussivi f'konformità mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem.

L-attività ser tinkludi:

— Akkwist u konsenja ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni, tagħmir u vetturi għall-unitajiet K9

— Tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-użu u l-istazzjonament tal-unitajiet K9 fil-prevenzjoni u l-investigazzjoni tat-traffikar tas-SALW, il-munizzjon u l-isplussivi permezz ta' appoġġ konsultattiv, programm ta' skambju u żvilupp tal-metodoloġija tat-taħriġ

— Programm ta' taħriġ dwar il-metodoloġija tal-Frontex għad-detezzjoni tas-SALW u l-munizzjon

— Programm ta' taħriġ dwar il-prattiki tajbin Ewropej fid-detezzjoni tas-SALW u l-munizzjon

3.7. **Komponent tal-proġett 7: Tisħiħ tal-azzjoni tal-OSKE kontra l-proliferazzjoni illeċita ta' Munizzjon Konvenzjonali u l-Ħażna tiegħu (SCA) - Faża 3**

3.7.1. Objettiv

L-appoġġ lill-Istati parteċipanti fit-tisħiħ tal-fiduċja u s-sigurtà, kif ukoll fir-rispons għall-iżviluppi politiċi u ta' sigurtà fil-qasam tal-OSKE u l-iżgurar ta' kooperazzjoni effettiva mal-partijiet ikkonċernati esterni.

3.7.2. Deskrizzjoni

Il-proġett ġie żviluppat biex tingħata assistenza lill-Istati parteċipanti tal-OSKE biex jippjanaw, jimplimentaw aħjar, u jekk meħtieġ, isaħħu l-impenji tagħhom kontra l-proliferazzjoni illeċita tas-SALW/SCA. Dan il-proġett huwa parti minn approċċ gradwali għal analiżi kontinwa u rfinata tat-theddid, ir-riskju tal-proliferazzjoni u t-traffikar tas-SALW/SCA, ħarsa ġenerali u previżjoni tal-ħtiġijiet u r-rekwiżiti, kif ukoll għodod prattiċi fil-qasam tas-SALW u l-SCA. Dan il-pedament huwa essenzjali għall-atturi kollha interessati li javvanzaw il-qafas normattiv, jappoġġaw u jsaħħu l-mekkaniżmu ta' assistenza, kif ukoll jidentifikaw il-ħtiġijiet u t-talbiet ta' assistenza teknika.

L-użu, l-użu ħażin, u l-effetti tas-SALW u l-SCA jaffettwaw lin-nisa u l-irġiel, u lis-subien u l-bniet b'mod differenti. L-indirizzar ta' dawn l-impatti differenti jeħtieġ li l-proġetti ta' assistenza jitfasslu u jiġu implimentati b'mod li jirrikonoxxi dan il-fatt, jindirizza l-impatt varjat ħafna tas-SALW fuq il-ġeneru u jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Dan il-proġett jappoġġa politika u pariri prattiċi dwar kif tali azzjoni mmirata tista' tiġi żviluppata u mwettqa fil-kuntest ta' proġetti ta' assistenza prattika tal-OSKE fil-qasam tas-SALW u l-SCA.

3.7.3. Riżultati mistennija

Riżultat 1: Tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati parteċipanti tal-OSKE, l-istrutturi eżekuttivi tal-OSKE u l-Operazzjonijiet fuq il-Post biex jindirizzaw b'mod adegwat il-kwistjoni tal-proliferazzjoni u l-kontroll tas-SALW/SCA fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

Riżultat 2: It-tkomplija tal-użu tal-Portal dwar is-SALW, il-prodotti u l-għodod tal-għarfien, biex jiġu appoġġati l-monitoraġġ, il-ħarsa ġenerali, u l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' assistenza prattika dwar is-SALW/SCA.

3.7.4. Attivitajiet

3.7.4.1. L-għoti ta' pariri u appoġġ lill-Istati parteċipanti tal-OSKE li jagħmlu t-talba biex jintuża b'mod effettiv il-mekkaniżmu ta' assistenza.

L-attività ser tinkludi:

— Żjarat immirati u avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni lejn l-assistenza li titlob lill-Istati parteċipanti biex jivvalutaw u/jew jaġġornaw il-ħtiġijiet u r-rekwiżiti speċifiċi tagħhom fil-qasam tas-SALW u l-SCA mwettqa kull sena

— L-iżvilupp ta' dokumenti strateġiċi u pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar il-kontroll tas-SALW f'konformità mal-OSKE u standards internazzjonali rilevanti oħra

3.7.4.2. L-għoti ta' appoġġ imfassal apposta għall-istati li jipprovdu l-assistenza tal-OSKE meħtieġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet f'waqtu u effettiv u l-ippjanar tal-allokazzjoni ta' riżorsi lill-mekkaniżmu ta' assistenza tas-SALW u l-SCA.

L-attività ser tinkludi:

— L-organizzazzjoni ta' konsultazzjonijiet perjodiċi/annwali tad-donaturi fi Vjenna, fil-bliet kapitali tal-Istati parteċipanti jew permezz ta' pjattaformi online biex tingħata ħarsa ġenerali lejn l-impatt u l-eżiti tal-proġetti ta' assistenza.

3.7.4.3. Il-promozzjoni tal-użu, il-funzjonalitajiet u l-karatteristiċi tal-Portal tas-SALW.

L-attività ser tinkludi:

— L-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni għall-promozzjoni tal-użu, il-funzjonalitajiet u l-karatteristiċi disponibbli tal-Portal dwar is-SALW

3.7.4.4. L-iżvilupp u l-integrazzjoni fil-Portal tas-SALW ta' taħriġ speċjalizzat dwar is-SALW.

L-attività ser tinkludi:

— L-upload ta' taħriġ online dwar suġġetti speċifiċi għas-SALW fil-Portal

3.7.4.5. L-iżgurar tal-funzjonament effettiv u l-appoġġ kontinwu għall-Portal tas-SALW.

L-attività ser tinkludi:

— Introduzzjoni ta' karatteristiċi ġodda proposti mill-utenti biex jottimizzaw il-funzjonalitajiet tal-Portal

4. **Ġeneru**

Il-perspettivi tal-integrazzjoni tal-ġeneri ġew integrati fl-istadji kollha tat-tfassil, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proġetti. Il-premessa prinċipali applikata kienet li l-użu, l-użu ħażin, u l-effetti tas-SALW u l-Munizzjon Konvenzjonali jaffettwaw lin-nisa u l-irġiel, u lis-subien u l-bniet b'mod differenti. Biex jiġi indirizzat tali impatt, din l-azzjoni ser tippromwovi u tappoġġa l-inklużjoni tan-nisa fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-kontroll tas-SALW.

L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri ġiet adattata għall-kuntesti speċifiċi u t-tip ta' assistenza prevista fil-proġetti kif ukoll kienet ibbażata fuq analiżi tas-sitwazzjoni li tqis il-perspettivi tal-ġeneru.

L-għodda "indikatur tal-ġeneru" tal-OSKE ġiet applikata fit-tfassil tal-proġetti, iżda wkoll biex jinżamm rendikont tal-progress li jsir fl-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri matul iċ-ċiklu tal-ġestjoni tal-proġett. Kull wieħed mill-proġetti inklużi f'din l-azzjoni għandhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv sinifikanti jew jintegraw għalkollox il-perspettiva tal-ġeneri.

5. **Benefiċjarji**

Il-benefiċjarji diretti tal-azzjoni ser ikunu l-awtoritajiet fis-SEE b'mandat u responsabbli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tas-SALW u l-Munizzjon Konvenzjonali. L-awtoritajiet immirati primarjament huma: il-Ministeri għall-Affarijiet Interni u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi bħall-pulizija.

Il-benefiċjarji indiretti tal-azzjoni huma l-popolazzjonijiet ta' ġuriżdizzjonijiet fis-SEE u l-viċinat Ewropew tiegħu li huma f'riskju minħabba l-użu tas-SALW u l-Munizzjon Konvenzjonali illeċiti f'attivitajiet kriminali, terroriżmu u użu ħażin vjolenti.

L-UE u l-awtoritajiet b'mandat tal-Istati Membri tagħha wkoll ser ikunu benefiċjarji indiretti tal-proġetti peress li ser jibbenefikaw minn kapaċitajiet imtejba ta' kontroll tas-SALW u l-Munizzjon Konvenzjonali fis-SEE permezz ta', fost l-oħrajn, skambji aħjar ta' informazzjoni kif ukoll miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bħall-identifikazzjoni tar-riskju, l-investigazzjoni u t-traċċar, id-detezzjoni u s-sekwestru tas-SALW u l-Munizzjon Konvenzjonali illeċiti.

6. **Viżibbiltà tal-Unjoni**

L-OSKE għandha tieħu l-miżuri adatti kollha biex tirreklama l-fatt li l-azzjoni tkun ġiet iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea f'kull ġuriżdizzjoni tas-SEE. Tali miżuri ser jitwettqu f'konformità mal-Manwal tal-Kummissjoni ta' Komunikazzjoni u Viżibbiltà għall-Azzjonijiet Esterni tal-Unjoni Ewropea. B'dan il-mod, l-OSKE ser tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribut tal-Unjoni permezz ta' branding u pubblikità adatti, li jenfasizzaw ir-rwol tal-Unjoni, jiżguraw it-trasparenza tal-azzjonijiet

tagħha u s-sensibilizzazzjoni tar-raġunijiet għad-Deċiżjoni kif ukoll l-appoġġ tal-Unjoni għad-Deċiżjoni u r-riżultati ta' dan l-appoġġ. Il-materjal prodott bil-proġett ser juri b'mod prominenti l-bandiera tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-linji gwida tal-Unjoni għall-użu u r-riproduzzjoni preċiżi tal-bandiera.

Minħabba li l-attivitajiet ippjanati jvarjaw ħafna fl-ambitu u l-karattru, ser tintuża firxa ta' għodod promozzjonali, inkluż: media tradizzjonali; siti web; media soċjali; u materjal informattiv u promozzjonali inkluż infografiki, fuljetti, bullettini, stqarrijiet għall-istampa u oħrajn kif adattat. Pubblikazzjonijiet, avvenimenti pubbliċi, kampanji, tagħmir u xogħlijiet ta' kostruzzjoni akkwistati taħt kull proġett ser jiġu mmarkati kif xieraq. Biex jiġi amplifikat aktar l-impatt permezz tas-sensibilizzazzjoni fost diversi ġuriżdizzjonijiet u popolazzjonijiet, il-komunità internazzjonali u l-media lokali u internazzjonali, kull wieħed mill-gruppi fil-mira tal-proġett ser jiġi indirizzat permezz tal-lingwa adatta.

7. **Durata**

Id-durata totali stmata tal-azzjoni hija ta' 36 xahar.

8. **Entità tal-implimentazzjoni teknika**

L-implimentazzjoni teknika ta' dan il-programm hija fdata lill-SU tal-FSC/CPC tas-Segretarjat tal-OSKE u sitt (6) missjonijiet fuq il-post tal-OSKE fis-SEE fejn tal-ewwel għandhom ukoll ir-rwol ta' koordinazzjoni.

9. **Kumitat ta' Tmexxija**

Il-Kumitat ta' Tmexxija għal din l-azzjoni ser ikun magħmul minn rappreżentanti tar-Rappreżentant Għoli, tad-Delegazzjonijiet tal-UE f'kull ġuriżdizzjoni tas-SEE, l-SU tas-CPC / FSC tas-Segretarjat tal-OSKE u sitt (6) missjonijiet tal-OSKE fuq il-post fis-SEE.

L-entità ta' implimentazzjoni, b'hekk megħjuna mill-Kumitat ta' Tmexxija ser tiżgura li l-implimentazzjoni tal-proġett isseħħ f'koordinazzjoni mal-assistenza relatata l-oħra tal-UE lill-ġuriżdizzjonijiet fis-SEE.

Il-Kumitat ta' Tmexxija ser jistieden fuq bażi regolari rappreżentanti minn sħab tal-ġuriżdizzjonijiet fis-SEE. Il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jistieden ukoll rappreżentanti ta' entitajiet involuti fi proġetti fis-SEE li għandhom objettiv simili jew relatat. Il-Kumitat ta' Tmexxija ser jirrieżamina l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni regolarment, mill-anqas darba kull sitt xhur, inkluż bl-użu ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni.